



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 29.4.2020  
COM(2020) 183 final

2020/0073 (APP)

Proposta għal

## **REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**dwar miżuri temporanji li jikkonċernaw il-laqgħat ġenerali tal-kumpaniji Ewropej (SE)  
u tas-Soċjetajiet Kooperattivi Ewropej (SCE)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **• Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 dwar l-Istatut ta' Kumpaniji Ewropej u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE) jipprovdu regoli għall-ħolqien u l-funzjonament tal-entitajiet rispettivi li jirregolaw (SEs u SCEs). Kemm ir-Regolament SE kif ukoll ir-Regolament SCE jarmonizzaw ukoll l-iskadenza għas-sejħa tal-laqgħa ġenerali. Iż-żewġ Regolamenti jipprovdu regola identika fis-sens tal-Artikolu 54 rispettiv tagħhom, li skontu, l-SEs u l-SCEs għandhom isejħu laqgħa ġenerali mill-inqas darba kull sena kalendarja, fi żmien sitt xhur mit-tmiem tas-sena finanzjarja tagħhom. Ir-Regolamenti ma jipprovdu l-ebda eċċezzjoni għal dan.

It-tifqigħa tal-pandemija tal-Covid-19 għandha impatt serju fuq il-kumpaniji u s-soċjetajiet kooperattivi, inklużi l-SEs u l-SCEs. B'mod partikolari, minħabba l-miżuri ta' konfinament u ta' tbeġħid soċjali, kif ukoll minħabba l-ħtieġa li jikkonċentraw l-isforzi tagħhom fuq il-ġestjoni tar-restrizzjonijiet tal-attività ekonomika, l-SEs u l-SCEs qed jiffaċċjaw diffikultajiet konsiderevoli biex jirrispettaw l-iskadenza għas-sejħa tal-laqgħa ġenerali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 54 tar-regolamenti rispettivi tagħhom. Filwaqt li l-Istati Membri daħħlu fis-seħħ miżuri ta' emerġenza fil-qasam tal-liġi tal-kumpaniji biex jappoġġjaw u jgħinu lill-kumpaniji jikkonformaw maċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali, dawn il-miżuri ma jindirizzaw la l-SEs u lanqas l-SCEs, billi fiż-żewġ każijiet, l-Istatut tagħhom huwa Regolament tal-UE.

Is-sejħa ta' laqgħat ġenerali hija ta' importanza essenzjali biex jiġi żgurat li d-deċizzjonijiet meħtieġa legalment jew ekonomikament neċessarji u li jkollhom impatt fuq il-kumpanija nnifisha, fuq l-azzjonisti tagħha u l-partijiet terzi, jittieħdu fi żmien debitu. Minħabba li ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali dovuti għal Covid-19 huma lil hinn mill-kontroll tal-SEs, tal-SCEs u tal-Istati Membri bl-istess mod, din il-proposta tistabbilixxi deroga temporanja fil-livell tal-UE, għall-iskadenza stipulata fl-Artikolu 54 tar-Regolament SE u fl-Artikolu 54 tar-Regolament SCE. Jenħtieġ li tali deroga temporanja tipprovdi l-flessibbiltà għall-SEs u għall-SCEs li jsejħu l-laqgħa ġenerali tagħhom fi żmien 12-il xahar mit-tmiem tas-sena finanzjarja, iżda f'kull każ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020. Din id-deroga temporanja hija meħtieġa biex l-SEs u l-SCEs ikunu jistgħu jiżguraw it-tħejjijiet meħtieġa tal-laqgħat ġenerali u biex jipprovdu ċ-ċertezza tad-dritt fir-rigward tat-twettiq tal-obbligi stabbiliti fir-Regolamenti SE u SCE.

Barra minn hekk, l-Artikolu 53 tar-Regolament SE jipprevedi li l-organizzazzjoni u l-kondotta tal-laqgħat ġenerali flimkien mal-proċeduri tal-votazzjoni għandhom ikunu rregolati mil-liġi applikabbli għall-kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata fl-Istat Membru li fih jinsab l-uffiċċju rreġistrat tal-SE. L-Artikolu 53 tar-Regolament SCE jipprovdi regola korrispondenti. B'mod simili għal miżuri ta' emerġenza nazzjonali diġà adottati minn ħafna Stati Membri rigward kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata jew kumpaniji jew entitajiet oħra, huwa importanti li l-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 53 tar-regolamenti rispettivi, jiżguraw li l-SEs u l-SCEs ikunu jistgħu jużaw għodod u proċessi diġitali u jagħmlu hilitom biex japplikaw kemm jista' jkun tali għodod u proċessi biex ikun żgurat li jittieħdu d-deċizzjonijiet neċessarji.

## **2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Din id-dispożizzjoni tispjega li jekk tkun meħtieġa azzjoni mill-Unjoni, fil-qafas tal-politiki definiti fit-Trattati, għall-kisba ta' wieħed mill-oġġettivi previsti mit-Trattati, u t-Trattati ma jkunux ipprovdew is-setgħat meħtieġa, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu wara proposta mill-Kummissjoni u wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew, għandu jadotta l-miżuri xierqa; tali dispożizzjoni diġà serviet bħala bażi ġuridika għall-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2157/2001 u tar-Regolament (KE) Nru 1435/2003.

- **Sussidjarjetà**

L-oġġettivi tal-proposta ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri billi l-Kumpaniji Ewropej (SEs) huma rregolati fil-livell tal-Unjoni bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 u s-Soċjetajiet Kooperattivi Ewropej (SCEs) huma rregolati fil-livell tal-Unjoni bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003. Kwalunkwe miżura temporanja minħabba l-kriżi tal-COVID-19 li titbiegħed minn dawn ir-Regolamenti trid tiġi adottata fil-livell tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-oġġettiv li jittaffa l-impatt tat-tifqigħa attwali tal-COVID-19 fir-rigward tas-sejħa tal-laqgħat ġenerali tal-SEs u tal-SCEs. Il-miżura proposta hija għalhekk proporzjonata, inkluż fir-rigward tal-applikazzjoni tagħha fil-ħin.

## **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX-POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet ex-post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Din il-miżura urġenti ġiet attivata minħabba t-tifqigħa għall-għarrieda u imprevedibbli tal-pandemija tal-Covid-19. Għal din ir-raġuni, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt jew evalwazzjoni ex-post. Diversi partijiet ikkonċernati appellaw għal soluzzjoni leġiżlattiva dwar il-kwistjoni.

## **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Mhux applikabbli.

Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**dwar miżuri temporanji li jikkonċernaw il-laqgħat ġenerali tal-kumpaniji Ewropej (SE)  
u tas-Soċjetajiet Kooperattivi Ewropej (SCE)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 352 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

- (1) Sabiex jitrażżan it-tixrid tal-Coronavirus COVID-19, li fil-11 ta' Marzu 2020 ġie ddikjarat bħala pandemija mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, l-Istati Membri daħħlu fis-seħħ sett ta' miżuri bla preċedent, b'mod partikolari miżuri ta' konfinament u ta' tbeġħid soċjali ta' persuni.
- (2) Dawn il-miżuri jistgħu jipprevjenu lill-kumpaniji u lis-soċjetajiet kooperattivi milli jikkonformaw mal-obbligi legali tagħhom skont id-dritt tal-kumpaniji nazzjonali u tal-Unjoni, b'mod partikolari, billi joħlqu diffikultajiet konsiderevoli għalihom biex jorganizzaw il-laqgħat ġenerali tagħhom.
- (3) Fil-livell nazzjonali, l-Istati Membri daħħlu fis-seħħ miżuri ta' emerġenza li jappoġġaw lill-kumpaniji u lis-soċjetajiet kooperattivi u li jipprovdu l-għodod u l-flessibbiltà meħtieġa fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali. B'mod partikolari, ħafna Stati Membri ppermettew l-użu ta' għodod u ta' proċessi diġitali biex isejju laqgħat ġenerali u estendew il-limiti ta' żmien għas-sejħa tal-laqgħat ġenerali fl-2020.
- (4) Fil-livell tal-Unjoni, il-kumpaniji Ewropej (SEs) huma rregolati bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001<sup>1</sup> u s-Soċjetajiet Kooperattivi Ewropej (SCEs) huma rregolati bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003<sup>2</sup>. Fl-Artikolu 54 rispettiv tagħhom, iż-żewġ Regolamenti jirrikjedu li ssir laqgħa ġenerali fi żmien sitt xhur mit-tmiem tas-sena finanzjarja. Fid-dawl taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali jenħtieġ li tingħata deroga temporanja minn dan ir-rekwiżit. Peress li huwa ta' importanza

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 dwar l-Istatut ta' kumpanija Ewropea (SE) (ĠU L 294, 10.11.2001, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE) (ĠU L 207, 18.8.2003, p. 1).

essenzjali li jsiru laqgħat ġenerali biex ikun żgurat li d-deċiżjonijiet legalment jew ekonomikament meħtieġa jittieħdu fi żmien debitu, jenħtieġ li l-SEs u l-SCEs ikunu jistgħu jsejħu l-laqgħa ġenerali tagħhom fi żmien 12-il xahar mit-tmiem tas-sena finanzjarja sakemm il-laqgħa ma ssirx aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020. Peress li hija miżura temporanja minħabba l-Covid-19, jenħtieġ li d-deroga tkun applikabbli biss għal-laqgħat ġenerali li jridu jsiru fl-2020.

- (5) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma jipprovdi, għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, setgħat oħra għajr dawk fl-Artikolu 352.
- (6) Billi l-oġettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jipprovdi soluzzjoni ta' emerġenza temporanja li tidderoga minn dispożizzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2157/2001 u minn dispożizzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1435/2003, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' jintlaħaq pjuttost aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-oġettivi.
- (7) Fid-dawl tal-fatt li l-perjodu ta' sitt xhur imsemmi fl-Artikolu 54 tar-Regolament (KE) Nru 2157/2001 kif ukoll fl-istess Artikolu tar-Regolament (KE) Nru 1435/2003, jiskadi f'Mejju jew Ġunju 2020, u minħabba li se jkollhom jiġu kkunsidrati l-perjodi ta' organizzazzjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza.
- (8) Fid-dawl ta' din l-urġenza, qed jitqies li huwa xieraq l-użu tal-eċċezzjoni mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, meħmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

#### ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

##### *Artikolu 1*

##### *Miżura temporanja dwar il-laqgħat ġenerali tal-kumpaniji Ewropej (SE)*

Meta, f'konformità mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 54(1) tar-Regolament (KE) Nru 2157/2001, trid issir laqgħa ġenerali ta' SE fl-2020, l-SE tista', b'deroga minn din id-dispożizzjoni, issejjaħ il-laqgħa fi żmien 12-il xahar mit-tmiem tas-sena finanzjarja, sakemm il-laqgħa ma ssirx aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020.

##### *Artikolu 2*

##### *Miżura temporanja dwar il-laqgħat ġenerali tas-Soċjetajiet Kooperattivi Ewropej (SCE)*

Meta, f'konformità mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 54(1) tar-Regolament (KE) Nru 1435/2003, trid issir laqgħa ġenerali ta' SCE fl-2020, l-SCE tista', b'deroga minn din id-dispożizzjoni, issejjaħ il-laqgħa fi żmien 12-il xahar mit-tmiem tas-sena finanzjarja, sakemm il-laqgħa ma ssirx aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020.

*Artikolu 3*  
*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*